

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Diċembru 2010

## li tistabbilixxi l-klassijiet tal-kapaċità ta' reazzjoni għan-nar ta' ċerti prodotti għall-bini fir-rigward ta' forum tal-ġibs mill-ġibsum fibruż

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 392)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/738/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(2)(a) tagħha,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Permanenti dwar il-Kostruzzjoni,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 89/106/KEE tippredvi li biex jiġu kkunsidrati livelli differenti ta' ħarsien għax-xogħlijiet ta' bini fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, jista' jkun meħtieġ li jiġu stabbiliti fid-dokumenti interpretattivi, klassijiet li jikkorrispondu mar-reżistenza tal-prodotti fir-rigward ta' kull rekwiżit essenzjali. Dawn id-dokumenti ġew ippubblikati bħala l-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tad-dokumenti interpretattivi tad-Direttiva 89/106/KEE"<sup>(2)</sup>.
- (2) Fir-rigward tar-rekwiżit essenzjali ta' sigurtà f'każ ta' nar, id-dokument interpretattiv Nru 2 jelenka numru ta' miżuri interrelatati li flimkien jagħtu definizzjoni tal-istrateġija ta' sigurtà kontra n-nar li ser tiġi żviluppata b'modi differenti fl-Istati Membri.
- (3) Id-dokument interpretattiv Nru 2 jidentifika waħda minn dawk il-miżuri bħala l-limitazzjoni tal-bidu u tal-firxa tan-nar u d-duħħan f'żona partikolari billi jiġi limitat il-potenzjal tal-prodotti tal-bini li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sħiħ tan-nirien.
- (4) Il-livell ta' din il-limitazzjoni jista' jiġi espress biss f'termini tal-livelli differenti ta' reazzjoni għan-nar tal-prodotti fl-applikazzjoni aħħarija tagħhom.
- (5) Għal soluzzjoni armonizzata, ġiet adottata sistema ta' klassijiet bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/147/KE

tat-8 ta' Frar 2000 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward tal-klassifikazzjoni tar-reazzjoni għan-nar tal-prodotti tal-bini<sup>(3)</sup>.

- (6) Fil-każ tal-forom tal-ġibs mill-ġibsum fibruż jeħtieġ li tintuża l-klassifikazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni 2000/147/KE.
- (7) Il-prestazzjoni tar-reazzjoni għan-nirien ta' ħafna mill-prodotti u/jew materjali għall-bini, skont il-klassifikazzjoni stipulata fid-Deċiżjoni 2000/147/KE, hija stabbilita sewwa u magħrufa biżżejjed mir-regolaturi tan-nirien fl-Istati Membri, tant li ma jeħtieġu l-ebda testijiet għal din il-karatteristika partikolari ta' prestazzjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Il-prodotti u/jew il-materjali għall-kostruzzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-karatteristika tal-kapaċità "reazzjoni għan-nar" mingħajr hteġa ta' aktar testijiet huma elenkati fl-Anness.

## Artikolu 2

Il-klassijiet speċifiċi li għandhom jiġu applikati għal prodotti u/jew materjali differenti għall-bini, skont il-klassifikazzjoni tar-reazzjonijiet għan-nirien adottata fid-Deċiżjoni 2000/147/KE, huma stipulati fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

## Artikolu 3

Il-prodotti għandhom jiġu kkunsidrati frabta mal-applikazzjoni tal-użu aħħari tagħhom, fejn rilevanti.

## Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Antonio TAJANI

Viċi-President

<sup>(1)</sup> ĠU L 40, 11.2.1989, p. 12.<sup>(2)</sup> ĠU C 62, 28.2.1994, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU L 50, 23.2.2000, p. 14.

## ANNEX

It-tabella stabbilita f'dan l-Anness telenka prodotti u/jew materjali għall-kostruzzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-karatteristika ta' kapaċità ta' reazzjoni għan-nar mingħajr hteġa ta' testijiet.

## Tabella

**Klassijiet ta' kapaċità ta' reazzjoni għan-nar għall-forom tal-ġibs mill-ġibsum fibruż imsaħħaħ b'fibri tas-sisal jew tal-ġuta**

Prodott	Dettalji tal-prodott	Densità minima (Kg/m <sup>3</sup> )	Klassi <sup>(1)</sup>
Forom tal-ġibs mill-ġipsum fibruż	Prodott skont EN 13815, magħmul mill-fużjoni tal-ġibs imħallat mal-ilma u msaħħaħ b'fibri tas-sisal jew tal-ġuta mxerrdin b'mod uniformi b'rata ta' mhux aktar minn 2,5 % bil-massa.	1 000	A1

<sup>(1)</sup> Il-Klassi kif prevista fit-Tabella 1 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2000/147/KE.